# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar id-9 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 629/2021 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**AB**

**Vs**

**JB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AB datat 21 ta' Dicembru 2021 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partiijiet żżewġu f'Malta nhar it-tmienja u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988) ġewwa l-Ħamrun (ċertifikat taż-żwieġ bin-numru 70584 hawn anness u mmarkat bħala Dok. A);*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom żewġ subien; JGB u BB li t-tnejn li huma llum huma maġġorenni;*

3. *Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dr. Gertrude Farrugia Wismayer datat il-ħamsa u għoxrin (25) t'April tas-sena elfejn u sitta (2006), u għalhekk il-firda tagħhom ġiet regolata b'dan il-kuntratt (kopja awtentika hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B);*

4. *Illi l-partijiet ilhom ma jirrisjedu flimkien bħala miżżewġin għal dawn l-aħħar*

*ħmistax-il sena (15) – ċioe' minn meta huma sseparaw legalment kif fuq premess;*

5. *Illi JB kien irrinunzja għad-dritt li jesiġi manteniment mingħand martu, u dan kif jirriżulta mill-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness, filwaqt illi l-ulied illum għandhom disa' u għoxrin sena (29) u seba' u għoxrin sena (27);*

6. *Illi ma jeżisti l-ebda prospett raġjonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

7. *Illi għar-raġunijiet hawn fuq premessi, r-rekwiżiti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jinsabu kollha sodisfatti u jista' jiġi pronunzjat il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:*

1. *Previa kull notifika u/jew procedura ulterjuri rikjesta skond il-Ligi, tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti, liema zwieg sehh nhar it-tmenja u għoxrin (28) ta' Diċembru tas-sena 1988; u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' JB datata 18 ta' Jannar 2022, a fol 18 et seqq, li taqra hekk:

*Illi huwa ha konjizzjoni tar-rikors ta' AB u jaqbel mal-kontenut tieghu u id-dokumenti anness;*

*Illu huwa jaqbel ukoll mat-talbiet kif premessi mill-esponenti;*

*Illi huwa pero' jitlob li ma ghandux ibaghti l-ispejjez ta' din il-kawza, jekk ikun il-*

*kaz, minhabba li t-talbiet u l-istess kawza gew mibdija esklussivament mill-esponenti;*

*Illi huwa ukoll jissottometti u jaqbek li wara li din l-Onorabbli Qorti tiehu konjizzjoni ta‘ din ir-risposta u tal-affidavit li qed jigi anness u immarkat bhala ‘Dok JB‘, tghaddi minnufih ghas-sentenza;*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-verbal tal-partijiet datat 7 ta’ Marzu 2022 li permezz tieghu ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi x’jipproducu jew trattazzjoni x’jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 3) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-28 ta’ Dicembru 1988 u li minn iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw legalment permezz ta’ kuntratt datat 25 ta’ April 2006 fl-atti tan-Nutar Dr Gertrude Farrugia Wismayer. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta’ rikonciljazzjoni u ghalhekk xtaqet illi tinhall minn dan iz-zwieg.

**JB xehed** (vide affidavit fol 20) u kkonferma u kkorrabora dak li xehdet l-attrici. Di piu’ sostna illi jhoss li ma ghandux jbaghti l-ispejjes tal-proceduri in ezami.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f’dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b’kuntratt jew b’sentenza.***

***(… omissis)***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-28 ta' Dicembru 1988, liema zwieg jgib certifikat numru 2395/1988 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Gertrude Farrugia Wismayer nhar il-25 ta' April 2006 (vide kuntratt ta' separazzjoni Dok B, fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2395/1988 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**